# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE LL.D.**
**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2002**

**Numru 1**

**Fl-atti tal-mandat ta'**
**Zgumbrament numru 2605/01**

**Josephine Persiano f'isimha proprju u ghan-nom ta' bintha minuri Tiziana**

**vs**

**Joseph Persiano**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Persiano, minnu ppresentat fid-9 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talab li din il-Qorti "tirrevoka d-digriet taghha [**recte:** tal-Prim Awla tal-Qorti Civili] tal-5 ta' Ottubru, 2001, tordna *contrario imperio* s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' sgumbrament numru 2605/01FF mahrug kontrieh, bl-ispejjez kontra l-appellata proprio et nomine";

Rat ir-risposta ta' Josephine Persiano tad-29 ta' Ottubru, 2001, li permezz taghha talbet li din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz il-verbal ta' l-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2002 u n-nota ulterjuri ta' l-intimata ta' dik l-istess gurnata, minnha presentata fir-registru;

Ikkunsidrat:

1. Dan huwa appell minn digriet, moghti kameralment mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 2001, fl-Atti tal-Mandat ta' Zgumbrament numru 2605/01. Dan il-mandat inhareg mill-Prim Awla fis-13 ta' Settembru, 2001 fuq talba ta' Josephine Persiano *pro et noe* in forza ta' digriet tas-<u>Sekond Awla</u>, datat 10 ta' Lulju, 2001, li permezz tieghu Joseph Persiano kien gie ordnat jivvaka d-dar matrimonjali. Wara hareg il-mandat imsemmi.

2. Wara li nhareg dan il-mandat, Joseph Persiano pprezenta rikors fil-Prim Awla (u dejjem fl-Atti tal-imsemmi Mandat ta' Zgumbrament) fl-4 ta' Ottubru, 2001 li permezz tieghu talab li dik il-Qorti, cioe` l-Prim Awla, "joghgobha contrario imperio <u>tordna s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni</u> tal-mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet premessi sakemm

il-meritu tar-rikors tieghu jigi trattat u deciz…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Effettivament, u skond anke ma jallega l-istess rikorrent fir-rikors tieghu ta' appell, pendenti quddiem is-Sekond Awla kien hemm rikors ghall-varjazzjoni tad-digriet dwar min kellu jirrisjedi fid-dar matrimonjali, u allura huwa kien qed jitlob lill-Prim Awla li "tordna s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament" sakemm is-Sekond Awla tipprovdi dwar it-talba tieghu.

3. Kif inghad, il-Prim Awla, b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2001 (moghti kameralment) cahdet it-talba ghas-"sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament". Dan id-digriet kien, fin-natura tieghu, mhux digriet interlokutorju izda wiehed definittiv moghti fl-atti ta' mandat ta' zgumbrament. Ghalhekk ma japplikawx ghalih id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 229 tal-Kap. 16. Isegwi ghalhekk li dana l-appell sar, presumibbilment – jinghad "presumibbilment" ghax ir-rikorrent, fir-rikors tieghu, mhux jindika d-disposizzjoni tal-ligi li a bazi taghha qed jinterponi l-appell – in forza tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 283A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

4. L-Artikolu 283A jipprovdi dwar kif jistghu jigu attakkati l-atti ezekuttivi inkluz, ghalhekk, mandat ta' zgumbrament. Dana l-artikolu jipprovdi li jista' jsir rikors quddiem il-qorti li tkun harget il-mandat li permezz tieghu r-rikorrent jitlob "li l-att esekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew

f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-ligi" (sottolinear ta' din il-Qorti). Fuq tali rikors ghal provvediment simili, cioe` ghat-thassir *in toto* jew *in parte* ta' l-att, dik il-Qorti ghandha ssegwi l-procedura traccata fis-subartikoli (2), (3) u (4) ta' l-imsemmi Artikolu 283A – jigifieri tappunta r-rikors ghas-smigh fi zmien sitt ijiem, tordna n-notifiki necessarji bil-fakoltajiet imsemmija fis-subartikolu (3), u taghti d-decizzjoni taghha b'digriet moghti "fil-qorti bil-miftuh".

5. F'dan il-kaz, din il-procedura ma gietx segwita mill-ewwel Qorti, ghax effettivament l-ghada tar-rikors (tal-4 ta' Ottubru, 2001) inghata kameralment id-digriet li minnu qed isir dana l-appell. Dik il-Qorti, pero`, kienet gustifikata li ma ssegwix il-procedura traccata fis-subartikoli (2), (3) u (4) imsemmija, u dan peress li ma jistax jinghad li r-rikors tal-4 ta' Ottubru, 2001 kien sar skond u ghall-finijiet tal-Artikolu 283A(1). Kif diga inghad, it-talba fir-rikors tal-4 ta' Ottubru, 2001, ma kienitx ghat-thassir, *in toto* jew *in parte*, ta' l-att ezekttiv impunjat, izda kienet sabiex tigi ordnata s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' dak il-mandat pendenti l-ezitu ta' xi proceduri fis-Sekond Awla. Kif tajjeb osservat l-intimata fir-risposta taghha ghar-rikors ta' appell, tali talba ma tinkwadrax ruhha fis-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 283A. Meta l-ligi tipprovdi ghal procedura specjali, bhalma certament hi dik skond l-Artikolu 283A, b'ghanijiet specifici, dik l-istess procedura ma tistax tigi estiza ghal ghanijiet ohra.

Konsegwentement, il-Prim Awla setghet, ghal dik li hi l-procedura addottata minnha, tichad it-talba l-ghada u b'digriet kamerali, u minghajr ma tappunta l-istess rikors ghas-smigh. Isegwi ghalhekk ukoll, li ma hemmx dirtt ta' appell mid-digriet tal-5 ta' Ottubru, 2001 in forza tas-subartikolu (5) ta' l-istess Artikolu 283A. Biex jimpunja d-digriet tal-Prim Awla tal-5 ta' Ottubru, 2001 ir-rikorrent kellu jaddota procedura ohra. L-appell odjern huwa irritu u null.

6. Jinghad fl-ahhar nett, u ghall-kompletezza ta' l-istampa dwar il-fatti, li mill-kopji legalizzati tad-dokumenti presentati mill-intimata mar-rikors taghha tal-14 ta' Jannar, 2002 ghall-urgenza (fol. 20), jirrizulta li s-Sekond Awla cahdet it-talba ta' Joseph Persiano ghar-revoka tal-ordni ta' zgumbrament, u dana b'digriet tal-21 ta' Dicembru, 2001 (ara fol. 28).

Ghall-motivi premessi, tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati kollha mill-istess appellant Joseph Persiano.

Dep/Reg

cd